**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Appell Nru: 14 / 2023**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Deelian Mifsud**

**Illum, 30 ta' Ottubru 2023**

Il-Qorti;

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellanti, Deelian Mifsud detenur tal-karta tal-identita' Maltija 18600 L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

F'dawn il-Gżejjer, nhar it-18 ta' Lulju 2021, għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (01:00hrs), fi Triq Martino Garces, fil-limiti ta' Għajnsielem, Għawdex, u/jew fil-viċinanzi ta' dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, iżda bil-ħsieb li jikkaġuna offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu, u dan bi ksur tal-artikoli 41(1)(a), 202(n), 214, 215, 216 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew iqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail, skont kif iċċertifikat Dr. Marlene Attard MD mill-iSptar Ġenerali t'Għawdex, u dan bi ksur tal-artikoli 202(n), 214 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanza, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u ċioe' mobile tal-għamla Apple Iphone, liema ammont tal-ħsara ma jiskorrix l-elfejn u ħames mitt ewro (€2,500), iżda huwa aktar minn mitejn u ħamsin ewro (€250), u dan għad-dannu ta' Mohamed Hassan Ismail, u dan bi ksur tal-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġiijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku, u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kiser il-provvediment tal-Kap 446 Artiklu 7 tal-Liġijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Imħallef Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D, datata 20 ta' Ottubru 2020, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel, u dan bi ksur tal-artikolu 23 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar is-16 ta' Ġunju, 2023, fejn din il-Qorti sabet lill-imputat ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-reċidiva filwaqt li kkundanatu għal sentejn priġunerija. Dwar il-ħames imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 7 u 23(1)(b) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ordnat li l-ħati Deelian Mifsud jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni ta' Probation maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2020. Il-Qorti ma sabitx lill-imputat ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tiegħu.

In oltre, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ikkundannat lil Deelian Mifsud li jħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal €281.40c.

Kif ukoll, il-Qorti b'applikazzjoni tal-Artikolu 382 A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ħarġet Ordni Ta' Trażżin fil-konfront tal-istess ħati a favur tal-vittma, Mohamed Hassan Ismail, liema ordni ta' trażżin hija soġġetta għal varji kondizzjonijiet ilkoll kontenuti fl-istess ordni. Din l-ordni ffurmat parti integrali minn din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Deelian Mifsud, preżentat fir-Reġistru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar il-3 ta' Lulju, 2023, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex filwaqt li jirreferi għall-provi prodotti u dawk produċibbli skont il-liġi, talab umilment lil din l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-Appellant mhux ħati tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni;
ii) Tħassarha u tirrevokaha fil-parti fejn:

a. Sabet lill-Appellant ħati tal-ewwel u tar-raba' imputazzjoni kif ukoll tal-addebitu tar-riċediva u tilliberah kompletament skont il-liġi;

b. Ordnat li l-Appellant jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni tal-Probation maħruġ favur tiegħu minn dik l-istess Qorti b'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2020;

c. Ikkundannat lill-Appellant iħallas l-ispejjeż peritali ammontanti għal €281.40ċ;

d. B'applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kapitoli 9 tal-Liġijiet ta' Malta ħarġet ordni ta' trażżin fil-konfront tal-Appellant a favur ta' Mohamed Hassan Ismail;

Alternattivament u mingħajr preġudizzju, f'każ li dan l-appell ma jintlaqax, din l-Onorabbli Qorti hija mitluba togħġobha tħassar is-sentenza appellata fil-parti tal-piena u minflok tirriformaha billi tvarjaha in kwantu għall-piena karċerarja erogata

mill-Ewwel Qorti ta' sentejn priġunerija effettivi u minflokha tgħaddi sabiex tqis iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ odjern u tagħti piena aktar ekwa u ġusta permezz ta' mitigazzjoni tal-istess piena jew billi timponi piena alternattiva, dejjem taħt dawk il-provvedimenti ulterjuri li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa li timponi.

Rat l-aggravji tal-appellant Deelian Mifsud li huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':

**1. AGGRAVJU I: L-EWWEL QORTI MA SETGĦETX RAĠJONEVOLEMT JEW LEGALMENT TASAL GĦALL-KONKLUŻJONI LI WASLET GĦALIHA MILL-PROVI**

**Illi l-ewwel aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, *ossia* li ssib lill-Appellant ħati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, billi tistrieħ fuq il-provi u l-argumenti legali li kellha quddiemha *stante* l-fatt li l-prosekuzzjoni ma rnexxiliex tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, u b'hekk il-grad tal-prova rikjest fil-kamp kriminali ma ġiex sodisfatt. Huwa ben assodat fil-ġurisprudenza nostrana li meta l-Ewwel Qorti ma tkunx waslet b'mod li hu *"safe and satisfactory"* għall-konklużjoni ta' ħtija abbażi tal-provi miġjuba quddiemha, din il-Qorti jkollha raġuni valida sabiex tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel Zammit</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appel Kriminali nhar il-21 ta' April 2005, intqal li:

> *"Kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti*

*tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Vincent Calleja** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-7 ta' Marzu 2002, jingħad li:

*"F'dan l-ezercizzju pero' din il-Qorti ser issegwi l-insenjament ta' din il-Qorti diversament preseduta u dik tal-Qorti tal-Appell Kriminali minn appelli mill-Qorti Kriminali u cioe' li il-funzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti mhux li terga taghmel gudizzju mill-gdid fuq il-kaz partikolarment ghal dak li jirrigwarda il-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-kaz, imma biss li tillimita ruha li tara jekk id-decizjoni tal-ewwel Qorti hix "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bazi tar-rizultanzi fil-prim'istanza."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aryna Zrakava** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-10 ta' Diċembru 2019, ġie spjegat li:

*"Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.*

*...Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfacenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi"*

Illi kif ġie korrettement spjegat mill-Ewwel Qorti, fil-każ ta' tentattiv tar-reat tal-offiża gravi fuq il-persuna, mhuwiex suffiċjenti li l-prosekuzzjoni tipprova li l-Appellant kellu l-intenzjoni ġenerika li jikkawża l-ħsara fuq il-persuna tal-allegata vittma, ċioe' l-*animus nocendi*, iżda jinħtieġilha li tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-Appellant kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna ħsara ta' natura gravi fuq l-allegat vittma. B'hekk, il-prosekuzzjoni kellha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li fil-waqt li l-Appellant tefa' lill-allegat vittma ġol-baħar, huwa kien qed jaġixxi bl-intenzjoni speċifika li jikkaġuna lill-allegat vittma waħda minn dawk il-konsegwenzi msemmija fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u li jwasslu biex iseħħ ir-reat tal-offiża gravi fuq il-persuna.

Madankollu, meta wieħed janalizza l-provi fjakki li ġew ippreżentati mill-prosekuzzjoni sabiex jippruvaw din l-intenzjoni speċifika, joħroġ biċ-ċar li l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-Appellant kien qed jaġixxi bl-intenzjoni speċifika li jittenta li jikkawża xi waħda mill-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi fuq il-persuna.

**2. AGGRAVJU II: APPREZZAMENT ĦAŻIN TAL-PROVI, INKONSISTENZA U INKORRETTEZZI FIX-XHIEDA, U ASSUNZJONIJIET BLA EBDA BAŻI LEGALI MAGĦMULA MILL-EWWEL QORTI**

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tieni aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi meta wieħed iqis il-provi li ġew prodotti, fosthom it-testimonjanzi ta' numru żgħir ta' persuni li kienu fuq il-post jew fil-viċinanzi tiegħu meta seħħew l-allegat reati minkejja l-fatt li skont xhieda mogħtija jirriżulta li kien hemm għexieren ta' nies jassistu għal dak li ġara, wieħed jista' faċilment jasal għall-konklużjoni indikattiva u ċara li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi li kellha quddiemha meta ddeċidiet li ssib lill-esponent ħati tal-ewwel u r-raba' akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu hekk kif ser jiġi spjegat waqt dan l-aggravju.

Tul is-smigħ tal-kawża nstemgħu tliet persuni biss li raw dak li seħħ b'għajnejhom jew kienu fil-viċinanżi u setgħu esperjenzaw dak li ġara qabel ma Ismail intefa' l-baħar, ossia Andrew Abela, Joe Ross Portelli u l-parte civile Mohamed Hassan Ismail, minkejja li mix-xhieda prodotta jirriżulta li kien hemm ħafna nies preżenti u għalhekk

il-prosekuzzjoni kellha d-dmir li ttella' dawk ix-xhieda kollha li setgħu jagħtu stampa aktar ċara ta' dak li ġara u l-isfond li fih seħħ.

Illi jekk wieħed janalizza dak li qal ix-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni, Andrew Abela, li xehed nhar it-13 ta' Awwissu 2021, *ossia* sitta u għoxrin (26) ġurnata minn meta seħħ l-akkadut, u li fuqu jidher li straħet b'mod konsiderevoli l-Ewwel Qorti, hemm konfużjoni ta' dettalji bażiċi li jitfgħu dell fuq il-kredibbilta' tax-xhud meta xehed fuq ħwejjeġ li kienu jirrikjedu iżjed dettall. Meta mistoqsi biex jagħti dettalji bażiċi bħad-data, il-ħin, u l-post ta' fejn seħħ l-inċident, Andrew Abela jonqos milli jindika d-data tal-inċident, filwaqt li naqas milli jindika b'mod korrett il-ħin, il-ġurnata u x-xahar li fihom seħħ l-inċident:

> *"Spettur Josef Gauci: Mela Sur Abela, spjega x'ġara, data, ħin u fejn, fid-dettall.*
>
> *Ix-xhud: Skużani, id-data eżatt ma nistax niftakar, naf li kien is-Sibt, kienu għal xi forsi d-disgħa (9.00 p.m.) jekk mhux sejjer żball, ta' filgħaxija.*
>
> *Spettur Josef Gauci: Ta' liema xahar?*
>
> *Ix-xhud: Sa fejn naf jien Ġunju, jekk jidhirli sew."*

Din is-silta hija ferm indikattiva fir-rigward tal-kredibbilta' tax-xhud għal diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok għaliex ix-xhud erronjament jgħid li l-każ seħħ xi darba nhar ta' Sibt fix-xahar ta' Ġunju, meta fil-verita' il-każ seħħ nhar il-Ħadd it-18 ta' Lulju 2021, u fit-tieni lok ix-xhud jisħaq li l-inċident seħħ fid-disgħa ta' filgħaxija, mentri kemm l-akkużi kif ukoll Ismail jikkontradixxu dak li ntqal mix-xhud, għaliex l-akkuża tgħid li r-reat seħħ għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu, u fix-xhieda ta' Ismail, dan tal-aħħar jikkonferma li huwa telaq minn Marsalforn biex jinżel ix-Xatt tal-Mġarr fil-ħdax nieqes kwart ta' filgħaxija u li hu safa attakkat għall-ħabta tas-sagħtejn u nofs ta' filgħodu.

Anki fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti tqis il-filmat esebit fl-atti tal-każ odjern bħala prova ammissibbli, il-kredibbilta' tax-xhud Andrew Abela tieħu daqqa ta' ħarta oħra meta huwa jgħid li l-esponent, wara li *"ressaq il-mejda, ressaq l-iskip, tah daqqa ta' ponn u tefgħu għal ġol-baħar"*. Din ix-xena wieħed faċilment jista' jaraha għaliex ġiet maqbuda fil-filmat u fl-ebda waqt ma jidher l-esponent jagħti daqqa ta' ponn lil Ismail qabel ma qabdu u tefgħu ġol-baħar. Oltre minn hekk, Andrew Abela jgħid li ħabib tiegħu bagħtlu l-filmat għaliex hu jidher fl-imsemmi filmat, madankolllu, waqt ix-xhieda tiegħu, huwa qatt ma indika fejn jidher fil-filmat, jew ta x'jifhem fejn kien ippożizzjonat waqt il-ġbid tal-filmat.

L-istat ta' konfużjoni u inkorrettezza tax-xhieda ta' Andrew Abela toħroġ iżjed biċ-ċar meta tiġi mqabbla ma' dak li qalu Joe Ross Portelli u Mohammed Hassan Ismail innifsu. Silta oħra importanti mix-xhieda ta' Andrew Abela hija s-segwenti:

> "*Ix-xhud:* *Li niftakar jien kienet naqra mit-tnejn, jiġifieri bejn jimxu bejn jimbuttaw u milli nista' niftakar jien daqqiet ta' ponn ukoll għax kienet, tant kemm kienet mgħaġġla l-affari li ma nistax, ma nafx kif naqbad niddeskriviha, kienet –*
>
> *Il-Qorti:* *Iva, iva. Hu qalilna li damet xi għoxrin minuta, ix-xhieda tiegħu, kwarta, għoxrin, issa inti qed tgħidilna li –*
>
> *Ix-xhud:* *naħseb forsi forsi kienet għaxar minuti f'moħħi imma jista' jkun li forsi mill-perspettiva tiegħu kienet differenti, ma nafx...*"

Joħroġ biċ-ċar li hemm nuqqas ta' korroborazzjoni fuq id-durata ta' dak li wassal għall-inċident u l-inċident innifsu. Mentri Ismail jgħid li din damet għaddejja madwar għoxrin minuta, Andrew Abela l-ewwel jgħid li din kienet xi ħaġa mgħaġġla ħafna, li terġa u tgħid tant kemm kienet mgħaġġla li lanqas jaf kif jaqbad jiddeskriviha, u wara li l-Qorti tiġbidlu l-attenzjoni li Ismail qal li damet għaddejja għal madwar kwarta jew għoxrin minuta, jibdel il-verżjoni u jipprova joħroġ bi skuża li forsi kienu għaxar minuti mill-perspettiva tiegħu. Din hija prova ċara li tikkontradiċi dak kollu li qal Andrew Abela fix-xhieda tiegħu, fejn saħansitra hu stess jammetti li kien qed isib diffikulta' kbira biex jiddeskrivi dak li ġara iżda min-naħa l-oħra jagħti rakkont dettaljat u simili ħafna għal dak li jidher fil-filmat tal-inċident li ġie mgħoddi minnu stess lit-Times of Malta.

Illi fid-dawl ta' dawn l-inkorrettezzi bażiċi fuq fatti li huma l-pern ta' kull każ, *ossia* d-data, il-ħin li fih seħħ l-inċident u x-xahar, flimkien mal-fatt li ma kinux għaddew is-snin, iżda ftit inqas minn xahar minn meta seħħ l-inċident għal meta x-xhud tela' jixhed, kif ukoll inkorrettezzi fir-rakkont ta' dak li verament ġara, joħolqu dubju serju fuq kemm Andrew Abela jista' jitqies bħala xhud kredibbli.

Fir-rigward tal-kulur tal-flokk li kien liebes l-esponent, l-Ewwel Qorti issenjalat li *"[m]ix-xhieda ta' Joe Ross Portelli u anke tax-xhud okulari Andrew Abela, irriżulta li l-imputat dakinhar mix-xhieda ta' Andrew Abela jirriżulta li kien liebes flokk abjad"*. B'kull rispett lejn l-Ewwel Qorti, Joe Ross Portelli qatt ma indika l-kulur tal-flokk li kien liebes l-esponent dakinhar tal-inċident, u l-fatt li x-xhud Andrew Abela stqarr li kien liebes flokk abjad ma jinċidi xejn għaliex dan seta' faċilment jiġi aċċertat mill-filmat li kien bagħatlu sieħbu u li hu kien għadda lil sieħbu li jaħdem mat-Times of Malta.

Kif intqal tajjeb minn Joe Ross Portelli, li dakinhar tal-inċident kien qed jaħdem bħala security tal-Luzzu Bar, Ismail wasal ix-Xatt tal-Mġarr għall-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija, fatt li jikkombaċa ma' dak li stqarr Ismail stess meta qal li telaq minn Marsalforn għall-ħabta tal-ħdax nieqes kwart ta' filgħaxija u li ċertament ma jikkombaċax ma' dak li qal Andrew Abela li skontu l-inċident seħħ għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħaxija. Trattat dan il-punt importanti, joħroġ biċ-ċar li mix-xhieda prodotti, l-iktar xhud kredibbli u li ta rakkont dettaljat ta' dak li ġara verament kien Joe Ross Portelli, li madankollu skontu ma assistiex għall-mument li l-esponent tefa' lil Ismail ġol-baħar.

L-istess Joe Ross Portelli jgħid li l-esponent qal lil Ismail biex ma jaqlax inkwiet. Indubbjament, dan kien parir raġonevoli u li sar b'intenzjonijiet twajba, iżda u minflok ma Ismail irringrazzja lill-esponent tal-parir siewi li kien tah, huwa infexx jhedded lill-esponent għal diversi drabi li kien ser joqtol lilu u lill-familtu ripetutament. B'dispjaċir jingħad li l-Ewwel Qorti ftit li xejn ikkunsidrat l-aġir ta' Ismail fil-konfront tal-esponent, anzi, pjuttost semmiet dan it-theddid b'konvenjenza sabiex ikollha raġuni tajba biex tassumi li minħabba f'hekk l-esponent kien irrabjat lejn Ismail u spiċċa tefgħu l-baħar minħabba din ir-rabja li kellu lejh. Mill-provi li nġiebu quddiem l-Ewwel Qorti, l-ebda persuna u l-ebda prova oħra ma tagħti indikazzjoni li l-esponent kien irrabjat lejn Ismail.

Oltre minn hekk, din ma kinitx l-uniku darba li l-Ewwel Qorti għażlet li tassumi ċertu affarijiet minflok qagħdet fuq il-provi li kien hemm quddiemha, għaliex apparti l-fatt li l-Ewwel Qorti waħedha waslet għall-konklużjoni li l-esponent kien irrabjat lejn Ismail minħabba t-theddid li rċieva, *stante* li dan ma joħroġ minn ebda prova mressqa, il-Qorti qatt ma setgħet tasal għall-konklużjoni li Ismail kien fi stat ta' sakra u fi kliem il-Qorti stess li *"għalhekk jista jkun li ma kienx f'pożizzjoni li jgħum, jekk addirittura kien jaf jgħum (peress li lanqas ġie stabbilit jekk l-istess Ismail kien jaf jgħum)."* Dan minħabba l-fatt li fl-ewwel lok, kien l-istess Ismail li ma tax il-kunsens tiegħu sabiex jitteħidlu kampjun tad-demm biex jiġi aċċertat il-livell tal-akoħol li kellu fid-demm, u wisq anqas ma ġie ppruvat li Ismail ma kienx kapaċi jgħum fil-waqt li twaddab ġol-baħar, prova li setgħet faċilment tinġieb mix-xhieda tiegħu.

Assunzjoni oħra bla ebda bażi magħmula mill-Ewwel Qorti kienet li l-azzjoni tal-esponent li jitfa' lil Ismail il-baħar kienet intiża sabiex dan tal-aħħar titnissel fih il-biża. Fl-ebda waqt tul il-proċeduri odjerni ma ġie ssenjalat li Ismail kellu xi tip ta' biża fuqu jew li l-esponent għamel tali azzjoni sabiex ibeżżgħu. Anzi, kuntrarjament għal dan, l-uniku spjegazzjoni mogħtija għal dan l-att kienet tal-esponent innifsu fl-istqarrija mogħtija minnu lill-Pulizija nhar id-29 ta' Lulju 2021 meta qal li l-għan kien li Ismail jiġi f'tiegħu.

Fir-rigward tar-raba' akkuża, filwaqt li l-Ewwel Qorti tisħaq li bl-aġir tal-imputat tqajjem tħassib f'moħħ terzi dwar l-inkolumita' fiżika tagħhom, huwa sorprendenti kif l-Ewwel Qorti, mill-provi prodotti quddiemha, waslet għas-sejbin ta' ħtija tal-imputat f'dan ir-rigward meta ebda xhud ma wera li kellu xi tip ta' inkwiet jew tħassib f'moħħu minħabba l-azzjonijiet tal-imputat.

## 3. AGGRAVJU III: APPLIKAZZJONI U INTERPRETAZZJONI ERRATA TAL-LIĠI MILL-EWWEL QORTI

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-tielet aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi r-reati li għalihom instab ħati l-Appellant fil-proċeduri odjerni huma dawk tat-tentattiv ta' delitt, li f'dan il-każ kien l-offiża gravi fuq il-persuna, kif ukoll il-ksur tal-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, liema reati huma misjuba fl-Artikolu 41(1)(a), 216 u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali, bir-reat tal-aħħar jitqies bħala kontravenzjoni, u minn qari akkurat tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, huwa evidenti li l-Qorti interpretat u applikat b'mod żbaljat il-liġi fid-dawl tal-fatti tal-każ u l-provi li nġiebu quddiemha tul is-smigħ tal-kawża.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, *ossia* t-tentattiv ta' delitt li f'dan il-każ kien l-offiża gravi fuq il-persuna, il-prosekuzzjoni kellha qabelxejn tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jikkostitwixxu r-reat innifsu, li huma l-intenzjoni speċifika tal-esponent li jikkawża offiża gravi fuq il-persuna ta' Ismail u li l-atti esterni setgħu iwasslu għall-waħda mill-konsegwenzi elenkati fl-Artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda f'dan il-każ, irridu mmorru pass oltre, għaliex hemm l-element tal-attentat, u allura kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni tipprova li l-esponent beda l-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt huwa ma wettaqx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa</u>** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 2003, ġie spjegat li:

> *"Din il-Qorti tara li dan il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe` li jista' jkollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche` jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-*

*hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok."*

Il-bran li qed tirreferi għalih din is-silta huwa parti mill-insenjament tal-Antolisei fir-rigward tat-tentattiv tal-offiża gravi, li jgħid b'mod ċar u inekwivoku li:

*"Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

B'hekk ġie spjegat b'mod ċar li biex jissustixxi d-delitt tal-attentat tal-offiża gravi fuq il-persuna, irid jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-aġent kien qed jaġixxi bl-intenzjoni speċifika li jikkawża waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi, liema konsegwenzi huma speċifikati mill-Artikolu 216(1) tal-Kodiċi Kriminali. Antolisei jikkonkludi billi jgħid li jrid ikun hemm każ konkret li l-aġent kellu l-intenzjoni speċifika li bl-att tiegħu jasal għall-waħda mill-konsegwenzi msemmija, inkella, jekk jeżisti xi forma ta' dubju, dan għandu jmur favur l-imputat.

Kif diġa spjegat fl-aggravji ta' qabel dan, il-provi prodotti quddiem l-Ewwel Qorti kienu fjakki, kunfliġġenti u ċertu drabi inkorretti, b'dan illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li l-esponent kien qed jaġixxi bl-intenzjoni speċifika li jikkawża xi waħda mill-konsegwenzi li jikkaratterzzaw l-offiża gravi fuq il-persuna.

Trattat dan il-punt, tajjeb li jiġi indirizzat element ieħor li huwa kruċjali għal dan il-każ, *ossia* l-fatt li d-delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-esponent. Illi bid-dovut rispett lejn il-prosekuzzjoni kif ukoll l-Ewwel Qorti, l-esponent ma kellux, in primis, jiġi akkużat b'dan ir-reat u wisq anqas jinstab ħati tiegħu għaliex il-fatti kif seħħew ma jiffigurawx ruħhom fl-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tal-imputat. Fis-sentenza tal-Ewwel Qorti, intqal li:

*"Dwar imbagħad l-elementi ta' l-attentat, irid ikun hemm xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà ta' dak li jkun li twaqqaf l-eżekuzzjoni tar-reat. Dan l-element fil-każ odjern irriżulta bil-fatt li mill-pożizzjoni fejn spiċċa l-imputat, huwa ma kienx f'pożizzjoni li l-imputat jkun jista' jkompli bl-intenzjoni tiegħu li jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Mohamed Hassan Ismail. L-imputat bl-azzjoni li għamel, irnexxielu jixħet lil Mohamed Hassan Ismail il-baħar u dan kontra r-rieda*

> *ta' l-istess Mohamed Hassan Ismail. Fl-ebda ħin, ma ddeżista volontarjament milli jkompli b'tali azzjoni."*

Din it-teżi tal-Ewwel Qorti hija kontradittorja fiha nfisha, għaliex jekk l-aġir tal-esponent li jitfa' lil Ismail il-baħar huwa meqjus bħala att estern li bih wera li ried jikkawża offiża gravi fuq il-persuna, mela dak l-att estern kien volut u mixtieq mill-esponent, u l-fatt li Ismail spiċċa l-baħar kienet voluta u mixtieqa mill-esponent, u għaldaqstant, l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni errata u konsegwenza ta' dan tat interpretazzjoni ħażina tal-liġi meta qalet li l-fatt li Ismail spiċċa l-baħar kienet xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tal-esponent.

Oltre minn hekk, huwa kemmxejn konfużjonarju l-fatt li l-Ewwel Qorti ssenjalat li l-esponent qatt ma ddeżista volontarjament milli jkompli b'tali azzjoni. Fl-ewwel lok, l-Ewwel Qorti tonqos milli tindika x'kienet din l-azzjoni li qed tagħmel riferiment għaliha. Fit-tieni lok, huwa illoġiku kif l-Ewwel Qorti waslet għal konklużjoni li l-esponent ma ddeżistiex volontarjament milli jkompli b'tali azzjoni meta l-uniku azzjoni, *ossia* it-tfigħ fil-baħar ta' Ismail, inbdiet u ntemmet mill-esponent stess u kienet volontarjament mixtieqa minnu nnifsu.

Punt ieħor huwa li l-Qorti naqset milli tagħmel xi tip ta' referenza għall-konsegwenzi indikati fl-Artikolu 216 tal-Kodiċi Kriminali. Il-liġi hija ċara daqs il-kristall f'dan ir-rigward, u l-azzjoni tal-esponent setgħet titqies li taqa' fil-parametri tal-imsemmi artikolu jekk iġġib waħda minn dawk il-konsegwenzi msemmija fl-artikolu. Il-fatt li ma nġabet ebda prova dwar dan, flimkien man-nuqqas tal-Ewwel Qorti li tindika b'mod ċar tal-inqas waħda mill-konsegwenzi indikat fl-artikolu msemmi ssaħħaħ l-argument li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti applikat il-liġi b'mod żbaljat.

Madankollu, l-ikbar mankanza tal-Ewwel Qorti kien il-fatt li fl-interpretazzjoni legali tagħha fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, naqset milli espressament tgħid li l-esponent kellu l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna offiża gravi fuq il-persuna ta' Ismail. Kif ġie spjegat qabel, sabiex Qorti ssib imputat ħati ta' attentat ta' offiża gravi, irid jiġi ppruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-aġent kien qed jaġixxi bl-intenzjoni speċifika li jikkawża waħda mill-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi. Infatti, l-unika aċċenn magħmul mill-Ewwel Qorti fir-rigward tal-intenzjoni tal-imputat kien meta rrimarkat li l-imputat kellu l-animus nocendi, *ossia* l-intenzjoni ġenerika li jikkaġuna ferita gravi fuq il-persuna ta' Ismail. Dan in-nuqqas lampanti fir-rigward tal-intenzjoni speċifika tal-esponent li jikkawża offiża gravi fuq il-persuna ta' Ismail huwa prova tal-applikazzjoni ħażina tal-liġi magħmula mill-Ewwel Qorti.

## 4. AGGRAVJU IV: NUQQAS TA' MOTIVAZZJONIJIET MOGĦTIJA MILL-EWWEL QORTI FIS-SENTENZA

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-raba' aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi huwa prinċipju legali ben stabbilit li sentenza mogħtija trid tkun motivata, bil-Qorti tagħti spjegazzjoni ċara tar-raġunijiet li għalihom waslet tiegħu dik id-deċiżjoni. Fis-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, din hija karatteristika mankanti għaliex għalkemm huwa minnu li l-Ewwel Qorti daħlet fid-dettall fejn jidħlu l-kunsiderazzjonijiet tagħha tax-xhieda, ftit li xejn ingħata dettall fuq ir-raġunar u l-ħsieb li wassal lill-Ewwel Qorti tiegħu d-deċiżjonijiet li ħadet.

Fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni, kif spjegat anke iktar qabel fl-aggravji preċedenti, l-Ewwel Qorti naqset li timmotiva l-ħsibijiet tagħha u x'wassalha sabiex tiegħu d-deċiżjoni li l-esponent kien ħati tal-ewwel imputazzjoni, oltre l-fatt li anke l-bażi li fuqhom l-Ewwel Qorti għamlet ċertu assunzjonijiet qatt ma ġew dettaljati.

Fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, filwaqt li għamlet referenza għall-każistika li tagħti sfond legali tar-reat, l-Ewwel Qorti inkludiet sentenza waħda sabiex tafferma li kien tqajjem tħassib f'moħħ terzi dwar l-inkolumita' fiżika tagħhom, mingħajr ma tagħti indikazzjoni ta' min kienu dawn il-persuni, il-prova ta' dan u kif waslet għal tali konklużjoni.

## 5. AGGRAVJU V: NUQQAS TA' AWTENTIKAZZJONI TAL-FILMAT ESEBIT MILL-ISPETTUR GAUCI

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-ħames aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi l-filmat esebit mill-Ispettur Josef Gauci fis-seduta ppreseduta mill-Ewwel Qorti nhar it-13 ta' Awwissu 2021 li allegatament juri d-dinamika tal-inċident mertu tal-każ odjern kellu jiġi skartat mill-Ewwel Qorti u ddikjarat bħala inammissibbli *stante* li l-istess filmat ma ġiex awtentikat u għaldaqstant m'għandu ebda valur probatorju. Kif rakkontat waqt ix-xhieda ta' Andrew Abela u l-iSpettur Josef Gauci, dan il-filmat spiċċa għand it-Times of Malta qabel ma ġie mgħoddi lill-Pulizija. Di fatti, mix-xhieda ġie kkonfermat li l-filmat esebit fl-atti ta' din il-kawża ġie ppublikat f'xi grupp fuq xi pjattaforma tal-midja soċjali fuq l-internet, fejn ħabib tax-xhud Andrew Abela għaddihulu għax allegatament kien jidher fih u Andrew Abela għaddih lill-ħabib tiegħu li jaħdem mat-Times of Malta minflok għaddih lill-Pulizija sabiex jinvestigaw dak il-filmat.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Bashar Sheikh Ahmad Antar u Yusef Sheh Ahmad Haled** deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Marzu 2023, intqal:

> *"Illi fix-xhieda tiegħu, PS750 Terry James Mallia qal li hu talab li jingħata s-CCTV mill-cameras tal-LESA. Il-filmat ippreżentat, madanakollu, jidher li huwa filmat meħud minn sit elettroniku tal-aħbarijiet lokali u mhux minn CCTVs li kienu fil-lok. Di più, ma tressaq ħadd sabiex jikkonferma l- awtentiċità ta' dan il-filmat u b'hekk il-Qorti hija kostretta tiskartah."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs David sive David-Norbert Schembri** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 2007, ġie spjegat illi:

> *"Hu proprju hawn li din il-Qorti tara li l-prosekuzzjoni naqset fir-rigward tal-esebizzjoni ta' dan id-dokument. Dak li qal Joseph Scicluna lill-Ispettur Tonna dwar dan ir-recording kif xehdu Tonna huwa hearsay evidence u zgur kien mistenni – kif del resto hass l-Istess Spettur Tonna meta xehed waqt li kien qed jipprezenta d-dokument – li Joseph Scicluna kellu jixhed biex jikkonferma l-awtenticita' tar-recording, u kif u f'liema cirkostanzi hadu u x'mezzi adopera biex irregistra din l-allegata konversazzjoni telefonika. Kien mehtieg ukoll li tigi pruvata l-kontinwita' tal-evidenza mill-hin li sar l-allegat recording sal-mument li gie konsenjat lill-Ispettur Tonna. Dan pero' baqa' ma sarx quddiem il-Qorti Istruttorja, x'aktarx minhabba xi "oversight" tal-istess Spettur u tal-Avukat addett mill-ufficcju tal-Avukat Generali li kien qed isegwi l-kaz u dan id-dokument gie u baqa' esebit fil-process bla ma qatt gie konfermat bil-gurament minn min kien responsabbli ghall-holqien, l-ezistenza w l-paternita' tieghu w bla ma saret il-prova tal-kontinwita' tal-evidenza. Ghalhekk din il-Qorti qed tilqa' t-tieni eccezzjoni tal-akkuzat u tiddikjara il-cassette tape (Dok. JS) inammissibli bhala prova ghar-raguni fuq indikata."*

Illi jidher biċ-ċar li jinsab paċifikament ritenut skont l-insenjament tal-Qrati nostrana li d-dokument esebit mill-Ispettur Josef Gauci, ossia l-filmat li ġie mgħoddi lill-iSpettur minn ċertu Bertrand Borg, ma ġiex awtentikat kif suppost u għaldaqstant kellu jiġi skartat mill-Ewwel Qorti meta ġiet biex tieħu d-deċiżjoni tagħha. Dan żgur li ma sarx għaliex f'diversi paragrafi tas-sentenza tal-Ewwel Qorti, l-istess Qorti għamlet referenza għall-filmat imsemmi.

Il-Pulizija naqset milli tinvestiga l-provenjenza ta' dan il-filmat b'mod lampanti minħabba diversi raġunijiet. Fl-ewwel lok, il-Pulizija naqset milli tintraċċa l-persuna li

effettivament ġibdet dak il-filmat. Dan seta faċilment isir billi jiġi mitkellem il-ħabib tax-xhud Andrew Abela sabiex jgħid minn fejn kien ġab il-filmat u l-persuna li tefagħtu ġo grupp fuq pjattaforma tal-midja soċjali, biex b'hekk tasal pass wara pass għall-persuna li oriġinarjament ġibdet il-filmat esebit bħala prova ewlenija f'dan il-każ. Oltre minn hekk, jissemmew żewġ persuni oħra involuti fil-paternita' ta' din l-evidenza, *ossia* Bertrand Borg u l-ħabib tax-xhud Andrew Abela ismu mhux magħruf, u li għalhekk dawn iż-żewġ persuni kellhom jittellgħu bħala xhieda sabiex tiġi ppruvata l-kontinwita' tal-evidenza skont l-insenjament tal-Qrati tagħna. L-esponent jirrileva li l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tagħmel talba lill-Ewwel Qorti sabiex jinħatar espert tekniku bil-għan li jikkonferma l-veraċita' u l-awtentiċita' tal-filmat sabiex b'hekk il-filmat hawn imsemmi ikollu valur probatorju li l-Ewwel Qorti setgħet tistrieħ fuqu.

Madankollu, fil-każ odjern, ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex jiġi awtentikat il-filmat, primarjament li l-persuna li ħadet dak il-filmat u l-persuni li kienu fil-pussess tiegħu jiġu prodotti bħala xhieda mill-Prosekuzzjoni sabiex jaħilfu l-awtentiċita' tal-filmat, ma ġewx imħarsa u għaldaqstant, l-Ewwel Qorti kellha tiddikjara dik il-prova bħala inammissibbli u tiskartaha b'mod assolut meta bdiet tevalwa l-provi esebiti quddiemha.

## 6. AGGRAVJU VI: L-APPELLANT DIĠA ĠIE TRATTAT FUQ KSUR TAL-ISTESS ORDNI TA' PROBATION

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-sitt aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi fir-rigward tal-ħames akkuża fejn il-Prosekuzzjoni sostniet li l-imputat kiser il-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, u konsegwentement tal-ordni maħruġa mill-Ewwel Qorti sabiex l-imputat jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni ta' Probation maħruġa fil-konfront tiegħu mill-istess Qorti b'sentenza tal-20 ta' Ottubru 2020, l-esponent jirrileva illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt issibu ħati li kiser l-imsemmija Ordni ta' Probation u tibagħtu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali sabiex jerġa jiġi ġġudikat mill-ġdid fuq ksur tal-istess Ordni ta' Probation, *stante* illi fil-11 ta' Marzu 2022, waqt il-mori tal-proċeduri tal-każ odjern quddiem l-Ewwel Qorti, huwa kien diġa ġie ġġudikat mill-ġdid mill-Qorti tal-Appell Kriminali wara li kienet saret denunzja mill-Probation Officer li kienet inkarigata ssegwi lill-imputat dak iż-żmien.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aslan Imdat** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-4 ta' Ottubru 2013, ġie sostnut illi:

> *'Id-dritt taħt l-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni jista' jinkiser biss jekk wara li tkun ingħatat sentenza penali li fiha jkun ġie dikjarat li l-akkużat diġa' għadda proċeduri kriminali għal dak l-istess reat quddiem Qorti kompetenti, huwa jerġa' jiġi espost għal proċeduri kriminali oħra dwar dak listess reat li għalih ikun ġa' ġie misjub ħati jew li minnu jkun ġie liberat.'*

B'hekk, possibilment bi żvista, l-Ewwel Qorti naqset milli tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li l-esponent kien diġa ġġudikat fuq il-ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordni ta' Probation li saret referenza għaliha fil-ħames imputazzjoni fil-konfront tiegħu mill-Prosekuzzjoni. F'każ li l-esponent jerġa jintbagħat quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali biex jiġi ġudikat fuq il-fatt tal-ksur tal-Ordni ta' Probation maħruġa fil-konfront tiegħu nhar l-20 ta' Ottubru 2020, ser ikun hemm ksur tad-dritt fundamentali tal-esponent sanċit taħt l-Artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 4 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Għaldaqstant, sabiex jiġi protett id-dritt fundamentali tal-esponent tan-*ne bis in idem*, dan l-aggravju għandu jintlaqa'.

## 7. AGGRAVJU VII: IL-PIENA MOGĦTIJA KELLHA TKUN AKTAR EKWA U B'GĦAN RIFORMATTIV

**Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-seba' aggravju huwa ċar u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:**

Illi tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ, kif ukoll is-sitwazzjoni preżenti tal-esponent fejn minn dakinhar tal-allegat inċident reġa daħal il-ħabs, skonta sentenza ta' priġunerija, u issa qiegħed jerġa jintegra ruħu fis-soċjeta' bil-għan li jkollu aktar stabbilta' f'ħajtu, l-esponent umilment jemmen li l-Ewwel Qorti setgħet tat piż akbar lil dawn il-kunsiderazzjonijiet u tinfliġġi piena aktar ekwa u ġusta.

Il-ġustizzja riformattiva hija element essenzjali tad-dritt penali tal-liġi nostrana, u f'dan il-każ, piena karċerarja effettiva jaf tkun ta' iżjed ħsara milli ġid għall-esponent, għaliex dak kollu li ħadem fuqu waqt il-perjodu ta' karċerazzjoni tul din l-aħħar sena jista' jkun ma sewa għal xejn jekk jerġa jispiċċa l-ħabs. Dan kollu jaf itellef il-motivazzjonijiet pożittivi li kkultiva ġo fih l-esponent wara ħajja diffiċli li kellu jaffronta sa minn eta' żgħira minħabba l-problemi soċjali li trabba fihom, u għaldaqstant, l-esponent umilment jemmen li ċ-ċirkostanzi hawn spjegati jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-Ewwel Qorti.

Rat l-atti tal-kawża.

Semgħet lill-partijiet jittrattaw dan l-appell fis-seduta tal-4 ta' Settembru, 2023.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ewwel żewġ aggravji jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li għamlet l-ewwel Qorti. Issa hu prinċipju ormaj stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-każ ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati kif ukoll fil-każ ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi eżerċitata mill-Ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kinitx raġjonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk iżda din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġjonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura din tkun raġuni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konklużjoni (ara f'dan is-sens "*inter alia*" l-Appell Kriminali : **Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et.**[1] ; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[2]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace** [3]; **Il-Pulizija vs. Anthony Zammit** [4] u oħrajn.)

Illi a propożitu, din il-Qorti tirriferi għal dak li ngħad minn Lord Chief Justice Widgery fil-kawża **R. v. Cooper**[5]:-

> *"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate), because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone. However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed*

[1] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994

[2] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991

[4] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju, 1991

[5] 1969] 1 QB 276. in konnessjoni mal-artikolu tal-liġi Ingliża s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968

*from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[6]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawża fl-ismijiet: **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[7], ingħad illi:-

> *"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju …, trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan għaliex din il-Qorti bħala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semgħet hi x-xhieda jixhdu viva voce kif tkun semgħethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqgħod biss fuq id-depożizzjonijiet traskritti u għalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibbilta' ta' xhieda, l-Ewwel Qorti jkollha vantaġġ għax tkun semgħet ix-xhieda u rat il-komportament tagħhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Għalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-deċizjoni tal-Ewwel Qorti fuqapprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx magħha, jekk l-Ewwel Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għal dik il-konklużjoni. Din il-Qorti pero' tagħmel eżami approfondit biex tara jekk l-Ewwel Qorti setgħetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "*safe and satisfactory*" għall-konklużjoni ta' ħtija.

[6] BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[7] Deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-1 ta' Diċembru, 1994

**Dr Marlene Attard** xehdet nhar it-13 ta' Awwissu, 2021 u murija ċ-ċertifikat mediku esebit fl-atti a fol. 9 tikkonferma li dak ġie maħrug minnha wara li eżaminat lil Mohammed Hassan. Tgħid li dakinhar tal-eżami tagħha nhar it-18 ta' Lulju 2021 Mohammed Hassan kien f'sensieħ pero' kellu riħa ta' xorb. Kien qed igorr minħabba uġiegħ li kellu fil-minkeb tan-naħa tax-xellug u li kellu uġiegħ fis-subgħa tan-nofs tan-naħa tal-lemin. Waqt l-eżami rat li kellu ferita u l-*elbow* kienet minfuħa. Kellu wkoll feriti żgħar fl-għajn tal-lemin li ma kellhomx bżonn punti. Kellu s-subgħa tan-nofs tan-naħa tal-lemin li kien ukoll minfuħ. Fratturi ma kienx hemm. Hija ddeskriviet il-feriti bħala ta' natura ħafifa. Tgħid li dan Hassan ma kienx akkompanjat. Kien daħal waħdu fid-dipartiment tal-Emerġenza.

**Hassan Mohammed** xehed wara li ngħata l-caution mill-Maġistrat u jgħid li nhar it-18 ta' Lulju, 2021 kien mar l-Mgarr għand Claris waħdu għall-ħabta tal-10.45 p.m u meta kien quddiem il-club ra lill-akkużat u dan qallu '*move here and go away somewhere*.' Dan wieġbu li l-club ma kienx tiegħu u li kien qed jieħu pjaċir. Wara li qallu hekk dan attakkah u dan kien għall-ħabta tas-2.30 a.m / 2.45 a.m. Qal li dakinhar kien xorob xi tmien bottijiet birra Skoll. Qal li meta l-akkużat kellmu daħal ġewwa biex jixtri u meta ħareġ l-akkużat flimkien ma' sħabu imbuttawh 'l hemm. Meta imbuttah waqa' mal-art. Qal li tas-Security mar fuqu u qallu li kien fis-sakra wkoll qallu biex imur 'l hemm. Insista li ma kien għamel xejn u li kien raħ. Wara li tas-security telaq 'l hemm l-akkużat waddbu fil-baħar. Qabel ma waddbu fil-baħar kien għadu quddiem il-bar. Qal li l-akkużat kellmu u qallu bil-lingwa Ingiża li kellu jmur x'imkien ieħor. Huwa wieġbu li kien ser jibqa' hemm quddiem il-bar l-Imġarr. Jikkonferma li ma kien hemm l-ebda *hate speech.* Laħqu għaddew xi ħmistax jew għoxrin minuta minn meta kellmu għall-ewwel darba u spiċċa waddbu fil-baħar flimkien bil-basket tiegħu. Fil-baħar fil-basket kellu l-mobile u l-flus. Laħaq barax ukoll subajgħ mad-dgħajsa li kien hemm fil-baħar. Mistoqsi jekk kienx hemm nies oħra bil-kulur tal-ġilda skura jgħid li le kien waħdu. Mistoqsi jekk qalx xi ħaġa oħra salv li kien ser jibqa' hemm jgħid li le xejn iktar. Qal li ftit wara waslu l-pulizija u ħaduh l-Għassa. Bħala flus jgħid li kellu madwar mija u ħamsa u ħamsin euro (€150). Jgħid li l-mobile ma reġax ħadimlu u kellu jixtri wieħed ġdid ieħor għall-prezz ta' €255. Dak il-qadim kien xtrah għall-prezz ta' €685 u kien Iphone 11. Meta tefgħuh il-baħar laqat subajgħ mad-dgħajsa u kien qed juġgħu.

Mistoqsi jekk kienx jaf lill-akkużat qabel jgħid li kien jafu minn wiċċu biss. Wara li mar l-Għassa spiċċa wkoll l-isptar.

**PS 1040 John Grima** xehed viva voce nhar it-18 ta' Awwissu, 2021 u kkonferma li nhar it-18 ta' Lulju 2021 huwa kien xogħol ta' bil-lejl u għall-ħabta tas-1.00a.minfurmawh li kien hemm ġlieda fil-port tal-Mġarr. Huwa bagħat lill-pulizija li kellu l-Imġarr. PC 578, PC 1318 u P 556 marru bil-vettura jassistuh. Sakemm wasal hu dawn l-istess pulizija kienu ġja laħqu kkontrollaw il-ġlieda. Meta wasal l-Għassa sab lil Mohammed Hassan li kien imxarrab għasra u l-akkużat odjern jistennewh. F'idejh kellu mobile li deher li kien xtrah ġdid għall-prezz ta' €265 u kien tal-għamla Samsung.

Waqt li kien hemm mar Andrew Abela u dan stqarr li kien xhud. Spjegalu li lil Hassan kien keċċieh *bouncer* minn ġol-Luzzu Bar. Ra lill-akkużat jitfa' lil Hassan il-baħar. Qal li kien wassal lil Hassan l-isptar ukoll. Qal li kien hu li ta d-drittijiet lill-akkużat u dan għażel li ma jkellimx avukat tant li anke ffirma d-dikjarazzjoni tar-rifjut[8]. Mar l-isptar hu wkoll u qalulu li l-akkużat kien daqxejn fis-sakra u għalhekk kienu ħallewh fil-*waiting room* biex jistejqer.

Jgħid li sid il-bar kienet imsiefra kien jisimha Lucia. Qal il-bouncer kien John Ross. Jgħid ukoll li s-CCTV camera li kien hemm ma kinitx qed taħdem.

L-**Ispettur Josef Gauci** xehed nhar it-18 ta' Awwissu, 2021 u jgħid li kien ġie infurmat dwar dan l-inċident u li kien ġie mogħti ċertifikat mediku rilaxxjat minn Dr Marlene Attard fejn ikklassifikat il-feriti li ssubixxa Hassan bħala ta' natura ħafifa. Jgħid li ġie ukoll a konjizzjoni minn filmat li deher fit-Times of Malta. Qal li kien talab kopja ta' dan il-filmat[9] dwar l-inċident li kien seħħ nhar it-18 ta' Lulju 2021 u dan ġie mgħoddi lilu minn ċertu Bertrand Borg u dan qallu li kien ġie għandu tramite ċertu Andrew Abela. Huwa tkellem ma' dan Andrew Abela u dan stqarr li ma kienx hu li ġibed il-filmat iżda kien ġie mgħoddi lilu u huwa għaddieh lit-Times of Malta. Talab li jinħareg Mandat ta' Arrest fil-konfront tal-akkużat[10]. Dan ingħata d-drittijiet tiegħu u

---

[8] Fol. 61 dok JPX 1
[9] Dok GJ1 a fol 72 tal-atti.
[10] Dok GJ 2 fol. 73

kopja tal-mandat u wara ħadlu *statement* li jinsab esebit fl-atti a fol 32 markat bħala dok GJ5. Ippreżenta kopja tal-okkorrenza markata bħala dok GJ4.

**PC 556 Jonathon Spiteri** [11]xehed u jgħid li bejn il-lejl tas-17 u 18 ta' Lulju 2021 kien xogħol ta' bil-lejl flimkien ma' PC 1318 u kienu bil-karozza. Għall-ħabta tas-1.00 a.m ċemplulhom li kien hemm ġlieda l-Mgarr Għawdex u biex imorru biex jagħtu l-assistenza tagħhom. Qal li fuq il-post in-nies bdew jindikawlhom li kien hemm xi persuna bil-karnaġġjon skura li kien ġie mitfuh fil-baħar u qalulu li kien l-akkużat li kien liebes flok abjad li tefghu l-baħar.  Qal li huma eskortaw lill-akkużat l-Għassa tal-Pulizija tal-Mgarr u mar ikellmu PS 1040.

**Andrew Abela** xehed nhar it-18 ta' Awwissu, 2021 u spjega li nhar is-Sibt 17 ta' Lulju 2021 għall-ħabta tad-9.00 p.m kien qed jixrob f'bar li jinsab taħt il-Gleneagles Bar u f'daqqa waħda ra qisu ġlieda sseħħ u naturalment kulħadd beda jħares biex jara x'kien ġara. Qal li ra ġlieda u ra li Hassan kien qed jaqla d-daqqiet bil-ponn u wara rah jaqa' mal-art. Jgħid li kien hemm grupp ta' nies li bdew ituh u ma setax jidentifika lil ħadd li beda jagħti dak il-ħin. Imbaghad jaf li kien hemm xi ħadd li qabdu miż-żarbun u kaxkru san-naħa l-oħra tat-triq. Jgħid li kien hemm anke bouncer liebes l-uniformi li beda jimbotta lil din il-persuna li kellha karnaġġjon skur.  Viċin kien hemm mejda bl-irġiel. F'daqqa u l-ħin jara xi nies jimxu u jimbuttaw lill-akkużat u anke rahom jagħtu daqqiet ta' ponn. Jaf li r-raġel li kien liebes flok abjad, u ċioe' l-akkużat tah daqqa ta' ponn imbagħad mar ipoġġi bilqiegħda.  Imbagħad reġa qam tah daqqa ta' ponn oħra, ressaq mejda u skip żgħir li kien hemm u tefa' lil Hassan fil-baħar. Imbagħad il-bouncer qabdu u waqqgħu mal-art. Huwa ma rax lil Hassan joħroġ mill-baħar, ma jafx min għenu. Lill-akkużat fl-ebda ħin ma semgħu jgħid xi kliem dispreġġjattiv minħabba razza jew kulur. Mistoqsi jekk marx jgħinu jgħid li le ma marx.  Minn fejn kien ma setax jara jekk kienx hemm persuna li marret tgħinu. Mistoqsi fi x'ħin kien l-inċident jgħid li ma jafx.  Jgħid li kien hu li akkompanjah l-Għassa u l-isptar. Mistoqsi jekk jafx min ġibed il-video esebit jgħid li ma jafx. Fil-video hemm parti minn dak li ġara dak il-lejl. Fl-ebda ħin ma ra lil Hassan jirritalja mal-akkużat.

**PC 1518 Stephen Muscat** xehed nhar it-18 ta' Awwissu 2021 u spjega li nhar it-18 ta' Lulju 2021 għal-ħabta tas-1.00a.m infurmawhom li kien hemm ġlieda l-Mgarr,

[11] Fol. 79 tal-atti

Għawdex u għalhekk marru hemm biex jagħtu l-assistenza. Meta wasal fuq il-post jgħid li n-nies qalulu li raġel liebes qmis bajda kien tefa' lil Hasan il-baħar. Lill-akkużat li kien liebes qmis bajda ħadu l-Għassa.

**PC 578 Darian Grima** xehed u spjega li nhar it-18 ta' Lulju 2021 daħlet persuna femminili l-Għassa tal-Mgarr u bdiet tgħajjat 'qed isawtuh, ħa joqtluh, xeħtuh il-baħar'. Jgħid li qam, għalaq il-bieb tal-Għassa tal-Mgarr u mar hemmhekk fil-post indikat lilu. Sab xi nies iżommu lil Hassan u dak il-ħin ipprova jieħdu l-Għassa pero' deher li kien naqra aġitat u ried imur ġol-folla. Huwa mbuttah lejn l-Għassa u hu ried imur ġol-folla iżda wara rnexxielu jieħdu l-Għassa. Qal li dan ir-raġel Hassan kien imxarrab għasra u kien jidher aġitat ħafna. Qal li l-akkużat ġie indikat lilu min-nies, li kien il-persuna li tefa' lil Hassan il-baħar.

**Lucia Ackerman** xehdet u tgħid li kienet qed taħdem ġewwa l-Luzzu Bar l-Mgarr u ma tafx x'ġara bħala inċident. Mistoqsija jekk tafx x'ġara tgħid li ma tafx. Tikkonferma li s-CCTV camera fil-ħanut tagħha jaħdem *b'live streaming* biss għax mhux qed jaħdem sew.

**Joe Ross Portelli** xehed nhar is-16 ta' Settembru, 2021 u dan wara li ngħata t-twissija skont il-liġi. Jgħid li nhar it-18 ta' Lulju, 2021 kien qiegħed fil-luzzu Bar l-Mgarr fuq xogħol. Ikkonferma li jaħdem bħala security ma' Gold Guard Security u kien qiegħed security.

Jgħid li kien daħal persuna Somala u beda jordna d-drinks u ma kellux biex iħallas u sid il-post Lucia qaltlu biex joħorgu farka 'l barra. Qallu li jekk m'għandux flus ma jixtrix drinks. Akkompanjah għat-terrazzin u hemmhekk kien ser jiġġieled ma' disa' Għarab oħra u qallu biex ma jiġġilidx u qallu biex imur id-dar bil-kwiet jew imur band'oħra. Dak il-ħin dar fuqu u prova itih daqqa ta' ponn u dak il-ħin imbuttah, ħabat rasu maż-żibel u meta l-Għarab li kien hemm raw hekk dawn ukoll ipprovaw iduru għalih. Dak il-ħin qabdu u qasam it-triq bih u qallu biex imur id-dar għax qallu li kien ser ilaqqat xebgħa tajba għal xejn.

Mistoqsi jekk jafx lill-akkużat jgħid li jafu u jafu anke minn qabel l-inċident. Jgħid li s-Somalu qallu '*I will kill your family*'. Imbagħad l-akkużat qam għalih, tah daqqa ta' ponn u reġa' poġġa bilqiegħda u huwa reġa' mbuttah 'l hemm u qallu issa daqshekk

iżda s-Somalu wieġbu *'I will kill your family'*. Baqa sejjer biha. Imbagħad ġara li ġara. Mistoqsi jekk kienx hemm dak il-ħin jgħid iva iżda kien dahru lejn is-Somalu u għalhekk ma rax lill-akkużat jitfgħu l-baħar. Mistoqsi jekk rahx tielgħa mill-baħar jgħid li rah għax għenu wieħed mill-Għarab li kien ser iħebb għalih qabel. Dak il-ħin ħabtu mal-art u s-Somalu beda jitfa' xi tazzi mal-art.

Qal li huma ma tefgħuhx 'il barra għax iswed iżda għaliex kien qed jaqla t-trouble per eżempju tidħol tfjala ta' sittax-il sena u jkun irid jidħol warajha.

Rat li fis-seduta tas-16 ta' Settembru, 2021 il-prosekuzzjoni esebiet sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Lulju 2016[12], sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-20 ta' Ottubru, 2020 markata bħala dok JGX 3 a fol. 123.

Rat ix-xhieda ta' **Jonathon Mizzi** mogħtija nhar is-16 ta' Settembru 2021 fejn spjega li kien ġie nominat sabiex janalizza s-CD markata bħala dok GJ1 esebita fl-atti u joħroġ xi stills minnha. Huwa kkonferma li kien wettaq l-inkarigu mogħti lilu u ppreżenta r-rapport tiegħu li ġie markat bħala dok JM1.

**Diane Farrugia, Deputat Reġistratur tal-Qorti** xehdet nhar it-28 ta' April 2022 u kkonfermat li ma kienx hemm appell mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali markata bħala dok JGX2 .

L-akkużat **Deelian Mifsud** ma xehedx iżda rrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni, liema stqarrija tinsab esebita fl-atti a fol. 32 markata bħala dok JG5. Qal li għamel żmien jaħdem għand l-Amigos, Għawdex iżda kien waqaf għax kien daħal Mount Carmel. Jgħid li fil-preżent ma għandux xogħol peress li kien għadu ħiereg minn Mount Carmel. Jgħid li mhux miżżewweġ iżda għandu tifla ta' sentejn. Mistoqsi jekk kellux każijiet oħra l-Qorti jgħid li iva għandu.

Qal li nhar it-18 ta' Lulju 2021 kien hemm madwar għaxar min-nies imdawrin mal-persuna ta' karnaġġjon sewda u dan bdew ħdejn il-Luzzu Bar għaliex kien siker u

[12] Dok JGX2 fol. 116

beda jittanta lil dik u l-ieħor. Qal li huwa xtralu flixkun Heineken u poġġih fuq mejda li jkun hemm barra fil-kantuniera u qallu li jekk jirrispettah kellu jixrob il-birra u jmur ʻl hemm. Ħallih hemm u telaq faċċata l-bar ħdejn il-baħar. Dan qam u reġa' mar fejn Luzzu Bar. Lucy tal-ħanut ma riditx lil dan is-Somalu hemm u Joe Ross Portelli bħala ħabib ta' Lucy għenu biex joħroġ ʻil barra iżda ma riedx. Imbagħad kien hemm il-Maltin bdew iduru miegħu u jgħidulu biex imur id-dar bil-kwiet iżda ma riedx u illetika ma' wieħed Sirjan u reġa' ndaħal Joe Ross Portelli. Il-persuna ta' karnaġġjon sewda qabdet tgara t-tazzi. Kull min kien hemm baqgħu mdawrin miegħu. Huwa baqa' jarah ixejjer wiċċu minn faċċata u ħaseb li l-iktar ħaga li tista' ġġibu *straight* kien ilma kiesaħ. Jgħid li huwa kien jaf lil din il-persuna u ġieli kien kellimha. Jgħid li qabad u xeħtu l-baħar biex ma jkomplix jikkummiedja u jdaħħaq in-nies bih.

Jgħid li jaf lil din il-persuna għaliex ġieli pejpu flimkien u huwa Musulman bħalu. Jgħid li ma kienx jaf jekk il-persuna kinitx taf tgħum jew le. Jaf pero' li tela' lura fuq l-art u waslet il-Pulizija u lilu ħaditu l-Għassa. Mistoqsi jekk laqatx x'imkien huwa u nieżel fil-baħar jgħid li ma laqat imkien pero' meta ġie meħud l-Għassa jaf li żelaq u għamel girfa fuq rasu. Jgħid li tefgħu l-baħar għax ma setax jirraġuna ma' persuna fis-sakra u ma riedx jitlaq ʻl hemm bil-kwiet. Jikkonferma li tefgħu l-baħar għax għandu l-kunfidenza miegħu. Mistoqsi jekk kienx jaf li kellu l-mobile fuqu meta tefgħu l-baħar jgħid li ma kienx jaf iżda kien lest li jixtrilu ieħor bħalu. Huwa ma kellux xi jgħid miegħu tant li anke *drink* kien xtralu. Qal li dakinhar kien hemm ħafna nies li tawh daqqiet iżda ma tressqux il-Qorti u huwa nġieb il-qorti għax tefgħu l-baħar.

Illi ma hemmx dubju kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti li kien inqala inċident fejn Mohammed Hassan Ismail kien ġie mkeċċi diversi drabi mil-Luzzu Bar iżda Mohammed Hassan Ismail ma riedx jitlaq 'l hemm. Jirriżulta li kien hemm grupp ta' nies li bdew jagħtu xi daqqiet ta' ponn fuq dan Mohammed Hassan Ismail. F'ħin minnhom l-akkużat qabad u tefa' lil Mohammed Hassan Ismail il-baħar u dan għaliex fi kliemu jgħid ried li jiġi f'sensieħ minħabba s-sakra li kellu. Jirriżulta li bħala riżultat Mohammed Hassan Ismail sofra xi ġrieħi kif deskritti minn Dr Marlene Attard u dawn kienu ta' natura ħafifa. Illi l-akkużat jammetti fl-istatement tiegħu li kien hu li tefgħu l-baħar. Illi sta għal din il-Qorti għalhekk tara jekk ix-xhieda kif fuq mogħtija kinitx tali li twassal lill-Qorti ssib ħtija tal-istess akkużi li sabitu ħati tagħhom l-Ewwel Qorti.

Fir-rigward it-tielet eċċezzjoni l-appellant qed jistqarr li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi. Partikolarment jgħid li l-ewwel reat li għalih instab ħati l-appellant fil-proċeduri odjerni huma dawk tat-tentattiv ta' delitt li f'dan il-każ kien l-offiża gravi fuq il-persuna liema reat hu maħsub fl-artikolu 41 (1) (A) u l-artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u jsostni li minn qari akkurat tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti huwa evidenti li l-Qorti interpretat u applikat b'mod żbaljat il-liġi fid-dawl tal-fatti tal-każ u l-provi li nġiebu quddiemha tul is-smigħ tal-kawża. Fir-rigward tar-reat tat-tentattiv ta' delitt f'dan il-każ kien l-offiża gravi fuq il-persuna, il-prosekuzzjoni kellha qabel xejn tipprova lil hin minn kull dubju dettat mir-raġuni l-elementi li jikkostitwixxu r-reat innifsu, li huma l-intenzjoni speċifika tal-appellant li jikkawża offiża gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Hassan u l-atti esterni setgħu wasslu għal waħda mill-konsegwenzi elenkati fl-artikolu 216 (1) tal-Kodiċi Kriminali. Iżda jtenni li f'dan il-każ il-Qorti kellha tmur pass oltre għaliex hemm l-element tal-attentat u allura kien jinkombi fuq il-prosekuzzjoni tipprova li l-esponent beda l-eżekuzzjoni tad-delitt liema delitt huwa ma wettaqx minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Din il-Qorti għalhekk issostni in linea ma' dak li ġie rilevat mill-appellant li l-prosekuzzjoni kellha tipprova x'intenzjoni kellu l-aġent u ċioe' l-akkużat u ċioe' jekk kellux l-intenzjoni speċifika li jikkaġuna xi waħda minn dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiża gravi.

Jingħad qabel xejn illi sabiex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hu meħtieġ l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. "*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*" (ara sentenza **<u>Il-Pulizija vs Emanuel Zammit</u>** deċiża Appelli Kriminali 30/03/1998).

Il-Qorti tosserva madankollu illi peress illi f'dan it-tip ta' reat, kif ġie sottolinejat huwa biżżejjed illi l-intenzjoni tkun waħda ġenerika, allura fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiża gravi. Dwar dan jitkellem ukoll il-Professur Mamo fejn jghid: "*the principle that in the crime of bodily harm a generic intention to injure is sufficient, the offender being answerable for the harm which has actually ensued, gives rise to the doubt whether a charge of attempt is legally possible.*" (Notes on Criminal

Law), iżda mbagħad iżid *"Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo."* Illi wkoll f'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (ċitata wkoll mill-appellant fir-rikors tiegħu) fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika vs Domenic Briffa** deċiża fis-16 ta' Ottubru 2003, il-Qorti ċċitat lill-awtur **Francesco Antolisei** fit-tul: *"Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79: "Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica, dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravissima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

U kkonkludiet: *"Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accettata mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza*

*gravi jew tentattiv ta' offiza gravissima, purche' jigi pruvat li l-agent kellu l-intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok."*

Illi kif diġa ngħad fil-każ ta' offiża volontarja, l-intenzjoni ġenerika sabiex wieħed jagħmel ħsara hija biżżejjed iżda fil-każ tat-tentattiv tar-reat tal-offiża gravi jew gravissima l-prosekuzzjoni jeħtieġilha tipprova lil hinn minn kull dubju illi l-persuna akkużata kellha l-**intenzjoni speċifika** illi tikkaġuna ħsara gravi fuq il-vittma.

Illi l-Qorti rat bir-reqqa l-istatement rilaxxjat mill-akkużat a tempo vergine tal-investigazzjoni. F'dan l-istatement l-akkużat bla tlaqliq jammetti li kien hu li tefa' lill-Mohammed Hassan il-baħar u jgħid li kien jafu qabel dan l-inċident peress li ġieli kienu jmorru jpejpu flimkien. Jgħid ukoll li dakinhar kien saħansitra anke xtralu *drink*. Jgħid li r-raġuni għaliex tefgħu l-baħar kien għaliex ma' persuna fis-sakra ma tistax tirraġuna u fil-fatt jgħid li meta ħareġ mill-ilma kien daqxejn aħjar. Il-fatt li Mohammed Hassan kien fis-sakra hu provat ukoll minn xhieda oħra bħal Joe Ross Portelli u anke mix-xhieda mogħtija minn Mohammed Hassan stess li jgħid li kien xorob xi tmien bottijiet Skol.

Illi għalhekk din il-Qorti ma hix tal-fehma li l-appellant verament kellu l-intenzjoni **speċifika** li jikkawża ferita gravi fuq il-persuna ta' Mohammed Hassan kif deskritt fl-artikolu 216 (1) tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk għandu raġun l-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi fir-rigward ta' din l-akkuża u għalhekk din il-Qorti ma hix ser issibu ħati tar-reat ta' attentat ta' ferita gravi kif proposta fl-ewwel akkuża.

Dwar ir-raba' akkuża u ċioe' li kiser il-paċi pubblika din tirriżulta wkoll biżżejjed. Issir referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet

**<u>Il-Pulizija v. Paul Busuttil</u>**[13] fejn ingħad is-segwenti dwar ir-reat ta' ksur ta' bon ordni li:-

> *"Skond gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna, dan ir-reat javvera ruhhu meta jkun hemm dak li fil-common law Ingliza kien jissejjah 'a breach of the peace'. Din l-ekwiparazzjoni ta' dana r-reat mal-kuncett Ingliz ta' 'a breach of the peace' tirrisali ghal zmien Sir Adriano Dingli li proprju f'kawza deciza minnu fl-10 ta' Gunju, 1890, fl-ismijiet* ***<u>Ispettore Raffaele Calleja v. Paolo Bugeja et.,</u>*** [14]*kien qal hekk:*
>
> *'Che il buon ordine e la tranquillita` pubblica sta nella sicurezza, o nella opinione ferma della sicurezza sociale, - nel rispetto dei diritti e dei doveri sia degli individui in faccia all'autorita` pubblica, sia degli individui stessi fra loro, e ogni atto che toglie o diminuisce la opinione della sicurezza pubblica, o della sicurezza individuale, e` violazione dell'ordine pubblico, indipendentemente dalla perpetrazione di altro reato.*
>
> *A skans ta' hafna repetizzjoni, din il-Qorti taghmel referenza ghall-gurisprudenza migbura fl-artikolu intitolat 'Calleja v. Balzan: Reflections on Public Order' pubblikat fil-Vol. X ta' The Law Journal - Id-Dritt University of Malta, Autumn 1983) pagna 13 et seq., u specjalment pagni 28 sa 31. B'zieda ma' dak li hemm f'dak l-artikolu wiehed jista' jghid li r-reat ta' 'breach of the peace' fil-ligi Skocciza jirrikjedi ukoll certu element, imqar f'ammont zghir hafna, ta' allarm. Fi kliem McCall Smith u Sheldon, fil-ktieb taghhom 'Scots Criminal Law', Edinburgh, Butterworths, 1992):*
>
> *'The essence of the offence is the causing of alarm in the minds of the lieges. This alarm has been variously defined by courts. In Ferguson v. Carnochan (1889) it was said not necessarily to be 'alarm in the sense of personal fear, but alarm lest if what is going on is allowed to continue it will lead to the breaking of the social peace'. Alarm may now be too strong a term: in Macmillan v. Normand (1989) the offence was*

[13] Deċiż mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-28 ta' Ġunju 1994
[14] Kollez. Vol. XII, p. 472, 475

*committed when abusive language caused 'concern' on the part of policemen at whom it was directed*[15]*'.*

*Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi a prioristikament x'jammonta jew x'ma jammontax f'kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-bon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz, Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu 'The Criminal Law of Scotland' (Edinburgh, 1978):*

*'Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application' (p. 985, para. 41-01).*

*U aktar 'il quddiem l-istess awtur jghid:*

*'…. Although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone, such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead to actual disturbance*[16]*'*

*Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Spiteri*** *deciz fl-24 ta' Mejju 1996, din il-Qorti diversament presjeduta ziedet tghid hekk:*

*it is allied to harm, actual or prospective, against persons or property. The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell …. Watkins L.J. said: '…. Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done*[17] *.*

---

[15] p. 192
[16] p. 986, para. 41-01
[17] p.182

*Minn dana kollu din il-Qorti tara li, bhala regola, ikun hemm il-kontravvenzjoni kontemplata fil-paragrafu (dd) ta' l-art. 338 tal-Kap. 9 meta jkun hemm ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew imputat) dwar l-inkolumita` fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita` ta' proprjeta`, kemm b'rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minhabba l-possibilita` ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil.*

*Naturalment dawn ic-cirkostanzi jridu jkunu tali li oggettivament inisslu l-imsemmi inkwiet jew thassib."*

*Fil-fatt fis-sentenza citata mill-appellat stess, Il-Pulizija v. Marianne Abela et moghtija fil-25 ta' Lulju 1984, intqal:*

*"… dan l-artikolu 352(bb) gie kostantement interpretat minn din il-Qorti (ara **__Pulizija vs Donald Zahra,__** 19 ta' April 1950 Kollez. Dec. Vol. XXXIV.iv.968 u s-sentenzi hemm citati) li jikkontempla fatti li jnehhu jew inaqqsu lic-cittadin l-opinjoni tas-sikurezza pubblika jew individwali u ghalhekk fatti ta' natura ftit u xejn vjolenta, kommessi taht cirkostanzi tali li direttament jew indirettament jistghu jikkonducu ghal reati ohrajn kontra l-persuni u s-semplici argumentar b'lehen gholi u xi ftit b'eccitazzjoni, ma jiksirx il-ligi."*

Illi għalhekk meta tiżen ix-xhieda li xehdu l-Qorti hija konvinta li l-akkużat għandu jinstab ħati ta' din ir-raba' akkuża kif del resto għamlet l-Ewwel Qorti.

Illi dwar ir-raba' aggravju u ċioe' li l-Ewwel Qorti ma tatx motivazzjoni fis-sentenza tagħha jingħad is-segwenti. Din il-Qorti thossha fid-dmir li tagħmel l-osservazzjoni segwenti. Qed jiġri ta' spiss fil-Qrati tal-Maġistrati li kawżi ta' ċerta portata u gravita' qed jiġu deċiżi bla ebda motivazzjoni kwalsiasi. Illi hu minnu li, kif inhi l-liġi bl-emendi kollha bis-sulluzzu li saru fil-Kodiċi Kriminali f'dawn l-aħħar tlitt deċenni u li mhux dejjem saru b'koerenza mal-ħsieb inizjali tal-Kodiċi kif kien konċepit - in-nuqqas ta' motivazzjoni ma jġibx per se in-nullita' expressis verbis ta' tali sentenzi għax il-motivazzjoni mhix waħda mir-rekwiżiti meħtiega *ad validitatem* fl-art. 382 tal-

Kodiċi Kriminali. Dan għaliex meta saru dawn l-emendi kollha, ma saret ebda emenda li tkopri l-kontenut *ad validitatem* ta' sentenzi u f'kawżi fejn l-akkużi jkunu joħorġu mill-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, kif kontemplata fl-art. 370 tal-istess Kodiċi u partikolarment fejn jew l-Avukat Ġenerali jkun ta l-kunsens tiegħu biex jiġu deċiżi bi proċeduri sommarji jew fejn, wara li l-atti tal-kumpilazzjoni jiġu rimessi lilu, jippreżenta n-nota bl-artikoli li taħthom jidhirlu li tista' tinstab ħtija biex il-każ, fl-assenza ta' oġġezzjoni tal-imputat, jiġi ġudikat minn dik il-Qorti.

Jidher li hemm lok li ssir emenda li biha jkun rikjest li ssir xi forma ta' konsiderazzjoni, ħsieb jew motivazzjoni f'dawn is-sentenzi. Pero', sakemm issir emenda opportuna, ma hux il-każ li sentenzi ta' din ix-xorta jiġu annullati u l-Qorti tal-Appell Kriminali tkun trid tgħaddi biex tevalwa mill-ġdid il-provi mingħajr il-benefiċċju li tkun taf il-punto di partenza li jkun iggwida lill-Ewwel Qorti biex tasal għall-konklużjonijiet tagħha. Għalhekk sa hawn tista' tasal din il-Qorti fir-rigward tar-raba' aggravju tal-appellant u konsegwentement qed jiġi rispint.

Dwar il-ħames aggravju l-appellant jilmenta li l-filmat esebit ma ġiex awtentikat mill-persuna li ħaditu. F'dan ir-rigward jingħad li vera l-appellant għandu raġun li l-filmat kellu jiġi awtentikat kemm-il darba ser issir referenza għalih fil-ġudizzju tal-Qorti. Jingħad li l-Ewwel Qorti rrimarkat li l-filmat ma kienx ġie awtentikat pero' fl-istess sentenza għamlet referenza għalih. Dan mhux korrett għaliex una volta ma hemmx l-awtentikazzjoni tiegħu m'għandux jikkostitwixxi prova ammissibli u għalhekk din il-Qorti skartat kull referenza li seta' saret għalih.

Dwar is-sitt aggravju l-appellant m'għandux raġun u dan għaliex l-Ewwel Qorti qatt ma sabet lill-appellant ħati talli kiser il-probation mogħtija b'sentenza oħra datata 20 ta' Ottubru 2020 minn din il-Qorti iżda bagħtet lill-appellant quddiem din il-Qorti sabiex tittratta miegħu mill-ġdid għal eventwali ksur tal-probation. Illi l-appellant jistqarr li din il-Qorti ma tistax issib lill-appellant ħati talli kiser l-ordni tal-probation u dan għaliex kien diġa' nstab ħati ta' din l-akkuża permezz ta' sentenza mogħtija fil-mori ta' din il-kawża deċiża nhar il-11 ta' Marzu 2022. Illi jingħad li din is-sentenza msemmija fir-rikors tal-appell ma ġiet qatt esebita fl-atti pero' din il-Qorti għamlet ir-riċerka tagħha biex tara jekk verament teżistix u dan peress li sentenzi tal-Qorti huma

dokumenti pubbliċi li din il-Qorti tista' tieħu konjizzjoni tagħhom anke jekk mhux inseriti fl-atti. Minn eżami ta' dik is-sentenza mogħtija fil-11 ta' Marzu 2022 minn din l-istess Qorti jirriżulta li din il-Qorti kienet ittrattat mal-appellant fuq ksur ta' probation oħra u ċioe' talli kiser il-provvedimenti tal-Kap 446 Artikolu 7 tal-Liġijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr D. Clarke LLD datata 25 ta' Ottubru 2017 liema sentenza kienet saret definittiva u għalhekk mhux il-probation mogħtija minn din il-Qorti nhar l-20 ta' Ottubru 2020 għalhekk l-appellant m'għandux raġun f'dan l-aggravju.

Għalhekk dwar il-ħames (5) akkuża u ċioe' li kiser il-provvedimenti tal-artikolu 446 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta impost fuqu b'sentenza mogħtija minn din il-Qorti kif preseduta nhar l-20 ta' Ottubru 2020 jingħad li l-perjodu tal-probation kien għadu għaddej u kien jagħlaq nhar il-21 ta' Ottubru 2023. Illi għalhekk l-akkużat għamel ir-reat li tiegħu qed jinstab ħati minn din il-Qorti fit-terminu tal-probation mogħti lilu. Jidher ċar li l-akkużat ma għarafx jużufruixxi ruħu mill-opportunita' mogħtija lilu u għalhekk sejra tittratta miegħu mill-ġdid. Rat li dakinhar l-akkużat li għandu karta ta' identita' numru 18600(L) kien instab ħati tar-reat ta' diversi serqiet aggravati bil-lok u valur u bil-persuna u wara li rat l-artikoli tal-liġi u ċioe' 17, 20, 31, 261 (c) (d) u (e), 267, 268, 269 279, 280 (1), 281 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed tikkundannah sentejn u nofs priġunerija.

Dwar is-sitt aggravju l-appellant stqarr li l-piena mogħtija għandha tkun waħda aktar ekwa fis-sens ta' riformattiva. Jingħad li peress li din il-Qorti ma hix qed issib lill-appellant ħati tal-ewwel akkuża ser ikun hemm aġġustament fil-piena sabiex tirrifletti l-fatt li huwa nstab ħati tar-raba' akkuża u talli huwa reċidiv. Jingħad li l-appellant mhux novell mas-sistema ġudizzjarja nostrana tant li qed jinstab ħati li hu reċidiv. In oltre jirriżulta li diġa ngħata diversi probations pero' ċio' nonostante ma tgħallimx jużufruixxi ruħu minnhom u għalhekk il-piena ta' priġunerija f'dan il-każ hu ġustifikat.

Din il-Qorti għalhekk qiegħda tirriforma s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fejn kienet sabet lill-akkużat ħati tal-ewwel akkuża billi qed tilliberah minnha, iżda tikkonfermaha fejn sabitu ħati tar-raba' akkuża u talli hu reċidiv u tirriformaha fir-rigward piena mogħtija meta kkundannatu għal sentejn priġunerija u minflok

tikkundannah għal priġunerija ta' sitt xhur, qiegħda tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tat-tieni u tat tielet akkuża u lliberatu minn kull piena dwarhom u dwar il-ħames akkuża din il-Qorti ttrattat mill-ġdid miegħu u kkundannatu sentejn u nofs priġunerija.

Qiegħda wkoll tikkonferma l-Ordni ta' Trażżin maħruġa ai termini tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta a favur il-vittma Mohammed Hassan Ismail liema ordni hija soġġetta għal kundizzjonijiet imsemmija fiha.

Qiegħda wkoll ai termini tal-Artikolu 533 tikkonferma l-ordni sabiex l-akkużat iħallas l-ispejjeż inkorsi mal-perizja magħmula minn Jonathon Mizzi fl-ammont ta' €281.40.

Iż-żmien li l-akkużat għamel taħt arrest preventiv għandu jitnaqqas mill-perjodu ta' priġuenrija kkundannat b'din is-sentenza.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tieħu ħsieb tiġbor il-multa inflitta min din l-Onorabbli Qorti.

**(ft) Consuelo Scerri Herrera**
**Imħallef**

**(ft) Mary Jane Attard**
**Deputat Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**